MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2004

Numru 294/1999

PULIZIJA
SPETTUR CARMEL BARTOLO
VS
MICHAEL DARMANIN

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Michael Darmanin ta’ 53 sena, iben il-mejjet Lawrence u Carmela nee Cutajar, imwieled Zabbar, u li joqghod 17, Trq il-Habs l-Antik, Birgu u li ghandu l-karta tal-identita numru 331146M talli f’dawn il-gzejjer f’xi hin matul il-perjodu ta’ bejn nofs inhar tas-6 t’Ottubru 1994 u nofs inhar tal-10 ta’ Ottubru 1994 ikkommetta serq ta’ VHF radio tal-marka (ICOM) liema serq li huwa ikkwalifikat bil-hin, kif wkoll bil-valur li ma jiskorrix l-elf lira maltija sar ghad-detriment tad-dirigenti tal-kumpanija Simonds Farsons Cisk plc.

Talli nhar l-14 t’Awissu 1997, u matul ix-xhur ta’ qabel, f’dawn il-gzejjer, xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat,

sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta u cioe VHF radio tal-marka ICOM jew xjentement b'kull mod li jkun indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom liema oggett gej minn serq ikkwalifikat bil-valur li ma jiskorrix l-elf lira maltija.

Talli f'isem il-kontrollur tad-Dwana, talli f'dawn il-gzejjer nhar l-14 ta' Awissu 1997 u/jew f'xi data qabel, xjentement kellu fil-pussess u/jew that il-kontroll tieghu hamsin kartuna b'mitejn sigarett kull kartuna tal-marka Rothmans Blue, li l-importazzjoni u l-pussess taghhom huwa ipprojbit u/jew ristrett, liema sigaretti ghandhom valur ta' Lm112.50c u dazju tas-Sisa dovut ta' Lm195.50 liema dazju tas-Sisa ma giex imhallas u/jew kawtelat.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi mill-provi prodotti mill-prosekuzzjoni jirrizulta illi l-ufficjal prosekutur f'Awissu 1997 kien qieghed jinvestiga kaz ta' serq rappurtat fl-4 ta' Marzu 1997.

Ghaldaqstant gie interrogat l-imputat u sussegwentement saret tfittxija fir-residenza u l-garage sitwat go Xatt ta' Sant' Anglu Birgu ta' l-istess Darmanin.

Illi f'din ir-residenza instabu diversi oggetti fost ohrajn VHF tal-marka ICOM dok CB1, u 50 grossa ta' sigaretti li fuqhom ma gietx imhallsa dazju – dok CB2.

Minn stharrig tal-pulizija gie stabbilit li dan il-VHF kien gie rapurtat misruq minn Adrian Gauci mill-fabbrika ta' Farsons. Is-'serial number' ta' l-imsemmi VHF gie imqabbel ma dak fir-records tal-fabbrika u gie identifikat.

Illi l-imputat gie interrogat f'zewg okkazzjonijiet u ghal rigward ta' ICOM stqarr illi kien gie xi impjegat ta' Farsons b'xi deliveries, gablu l-VHF u halliehulu sabiex jipprovah pero qatt ma irritorna ghalih.

Mitlub jghid minn kien dan l-impjegat, l-imputat irrisponda li ma kienx jafu.

L-ufficjal prosekutur sahansitra wera ritratti tal-impjegati ta' Farsons u l-imputat ma gharaf lil hadd. In oltre l-ufficjal prosekutur kien gab id-'delivery men' kollha, impjegati ma Farsons, l-Kwartieri tal-pulizija izda l-imputat ma gharaf ebda wiehed minnhom.

L-istqarriji tal-imputat gew esebiti u mmarkati dok CB4 u CB5. Giet esebita bhala dok CB3 l-'letter to prosecute' mid-Dipartiment tad-Dwana (ara fol 15).

Fl-istqarrija dok CB4 a fol 17 l-imputat stqarr ili huwa kera u jaghmel uzu mill-garage indikat minn Marzu 1997. Ghal rigward ta' dan il-garage l-imputat stqarr illi huwa kien ta' permess lil certu Charles Butler sabiex dan jdahhal l-ispeed boat tieghu u li maz-zmien l-imputat induna li Butler kien qieghed jpoggi oggetti ohra fl-istess garage.

L-imputat jinnega li hu u Butler kienu juzaw il-garage biex jqeghdu oggetti akkwistati mis-serq. Nnega wkoll li kien jaf bis-serq minn garage ta' Emanuel Schembri.

Jinnega wkoll illi huwa kien sellef il-Landrover tieghu lil Charles Butler u li din intlemhet fuq il-post tad-delitt.

L-imputat jammetti li kien xtara mutur tal-bahar minn ghand Butler ghal prezz ta' Lm200. Nnega illi kien jaf li dan il-mutur kien misruq wkoll jew li ha sehem fil-bejgh ta' "Dept finders" misruqa.

Ghal rigward ta' VHF l-imputat stqarr (ara fol 20) illi:
"Dan gabuli wiehed il-hanut u ma nafux minn wiccu sabiex nippruvahulu ghax ma kellux aerial u ma regax gie

ghalih u baqa ghandi. Dan li gabuli kien jahdem mal-factory ta’ Farsons.”

Ghar-rigward tal-hamsin grassa sigaretti l-imputat jammetti li kien xtrahom minghand Libjan xi jumejn qabel u ma kienx jaf jekk kellhomx d-dazju imhallas.

Illi fit-tieni stqarrija (Dok CB5) a fol 21 et seq, l-imputa gie mistoqsi jaghti informazzjoni dwar l-impjegat ta’ Farsons u stqarr illi l-impjegat kien jikkonsenjalu l-ordnijiet tad-drinks u birra li kien juza fl-operazzjoni tal-bar tieghu.

L-imputat baqa jishaq illi huwa qatt ma xtara dan l-VHF u li dan l-impjegat kien hallieh ghandu sabiex jhaddimulu.

Joseph Borg a fol 223, kkonferma l-‘letter to prosecute’.

John Spiteri a fol 25, Security Manager ma’ Farsons, ikkonferma is-serq ta’ VHF u li kien jsir uzu minnu minn xi delivery men impjegat ma’ Farsons sabiex jkunu jistghu jikkomunikaw mal-Head Office.

PS526 Portelli (fol 29 et seq) kkonferma l-istqarija tal-imputat.

Peter Paul Bonnici mid-Dipartiment tad-Dwana kkonferma il-valur tas-sigaretti f’ammont ta’ Lm112.50c.

Spettur Carlo Ellul ikkonferma r-rapport ta’ serq ta’ VHF reg No. 02743 mil-fabbrika ta’ Farsons u esebixxa l-okkorrenza a fol 44.

A fol 72 Spettur Bartolo esebixxa certifikat tat-twelid, u fedina penali tal-imputat.

Mark Spiteri a fol 77 kkonferma il-valur tar-radio f’ammont ta’ Ln266.66 u li l-istess apparat kien mixtri fis-27 ta’ Marzu 1992.

Adrian Gauci minn Farsons a fol 51 kkonferma is-serqa f’Ottubru 1994 ta’ VHF radio mudell ICVX003 Reg No 2743.

L-imputat ghazel li ma jixhidtx.

Ikkunsidrat:-

Illi mill-kumpless tal-provi huwa evidenti illi l-prosekuzzjoni ma lahqitx il-livell probatorju li jirrikjedi il-kamp kriminali u cioe bla dubbju dettat mir-raguni ghal dak illi jikkoncerna l-ewwel akkuza u cioe l-akkuza ta' serq tal-VHF.

Illi l-istess ma jistghax jinghad pero ghall-akkuza sussidjarja u cioe dik ta' ricettazzjoni.

L-art 334 tal-kap 9 li jiddelinea r-reat ta' ricettazzjoni jipprovdi:-
**"Kull min f'Malta xjentement jilqa ghandu jew jixtri hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, ser jekk dan isir f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom, jehel, meta jinsab hati ……………"**

Illi skond il-gurisprudenza nostrali jikkombi fuq l-prosekuzzjoni biex tipprova l-element ta' xjenza da parti tal-imputat f'negozju ta' oggetti misruqa.

Huwa mifhum illi ix-xjenza tista tigi provata mic-cirkostanzi li fiha sar t-trasferiment tal-oggett misruq, u c-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Issa mill-provi tal-prosekuzzjoni ma hemmx xrara ta' dubbju li l-oggett kien insteraq stante li l-prosekuzzjoni resqet provi dwar r-rapport ta' Adrian Gauci li ghamel l-istess rapport lill-pulizija fost faturi ohra.

F'liema cirkostanzi instab il-VHF?

Dan il-VHF instab ma oggetti ohra akkwistati minn serq f'garage li kien mikri lill-imputat li ta' permess li jintuza wkoll minn Butler, persuna ben maghruf mal-pulizija, flimkien ma hamsin grossa sigaretti li dazju taghha ma kienx imhallas.

Con tutto rispetto ir-ragunijiet moghtija mill-imputat fl-istqarrija, la ghandhom mis-sewwa u l-anqas gew b’xi mod kolloborati.

Dan qieghed jinghad ghaliex l-imputat jghid li l-VHF gie konsenjat u mhux mixtri minn ‘delivery man’ ma Farsons liema impjegat kien regolarment jghamillu konsenja ta’ birer u drinks ghal bar li l-imputat jiggestixxi.

L-imputat mhux biss ma tax informazzjoni lill-pulizija biex jiskolpixxi ruhu, (izda minkejja l-isforzi ammirevoli tal-prosekuzzjoni li hu urieh ritratti tal-impjegati u sahansitra gablu id-delivery men kollha tad-ditta) izda baqa jsostni li ma kienx jaf minn kien id-delivery man.

Mhuwiex kredibbli u l-anqas verosimili li persuna li taghmel ‘deliveries’ fuq tul konsiderevoli ta’ zmien jibqa skonoxxut mill-imputat.

Illi di piu, l-oggetti ohra misruqa li instabu fil-garage tal-imputat, flimkien ma grossos ta’ sigaretti illeciti jimmilitaw b’mod krucjali ghal pretext infantili li bih l-imputat jattenta jiskolpixxi ruhu.

Ghal dawn il-motivi filwaqt illi ssib lill-imputat mhux hati ta’ l-ewwel akkuza u tilliberah minnha, ssib lill-istess imputat hati tat-tieni, u it-tielet akkuza u wara li rat Art 334, 28A tal-kap 9, Art 60(a)(b)( c ) (e) (k), 62(a) (b) ( c ) (e) (f) (g) (h) (I) (k) paragrafu (a) tal-proviso tal-Art 62 tal-kap 37, Art 16(j) u (l) u 17(b) tal-Att XLI tan-1995 tikkundanna lill-imputat ghal disa xhur prigunerija sospizi ghal sentejn u tikkundannah jhallas multa ta’ Lm420.50 filwaqt li tikkonfiska l-VHF radio u l-hamsin grossa sigaretti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------